KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9/2022

16 ta' Settembru 2022

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fil-11:00 ta' filghodu.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

9.1 **<u>Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

9.1. Ma kellniex.

9.2 **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti</u>**

9.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 8.22 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

9.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sinjura Maria Sultana u ssekondata mis-Sinjur Christopher Bruno il-minuti ġew approvati unanimament

**<u>Punti mill-Minuti Preċedenti :</u>**

9.3 **1. Punt 8.4.C Tender – Sit ta' Rikreazzjoni Rnella/Salvatur**

Is-Sindku reġa' nforma l-kunsill illi l-board qed jerġa' jaħdem għat-tieni darba fuq l-evalwazzjoni tal-istess tender li din id-darba ħareġ fuq żewġ partijiet differenti. Wieħed għax-xogħol infrastrutturali u l-ieħor għal 'furniture and fixtures'. Bi pjaċir is-Sindku nforma l-kunsill illi kien hemm ammont sostanzjali ta' bidders interessati fejn fil-preżent intbgħatu xi klarifiċi lilhom fuq dak li ra l-board waqt l-evalwazzjoni stess biex l-informazzjoni mitluba tkun ikkonfermata u eżatti. Wara dan il-proċess il-kunsill ser ikollu konferma ta' min rebaħ iż-żewġ sejħiet biex sa fl-aħħar ikun jista' jinbeda x-xogħol li hemm bżonn fiż-żona msemmija fis-suġġett ta' hawn fuq. Is-Sindku fakkar il- kunsill illi minħabba raġunijiet ta' fondi dan il-proġett irid jitlesta sa Diċembru 2022 fejn din il-klawżola kienet miktuba ċara fis-sejħiet li inħarġu.

2 Punt 8.6.2 Kolaborazzjoni Active Ageing – Fuq proposta u ħidma tas-Sinjura Speranza Chircop is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi wara laqgħa li saret ma' rappreżentanta tal-AAKK ġie deċiż illi l-budget allokat għalina primarjament ma kienx ser ikun biżżejjed għal dak li qed jiġi mitlub li jsir fil-kamra proposta biex jibdew isiru dawn is-sezzjonijiet u għalhekk l-istess awtorita' ser tkun qed toffri €1000 għal dak kollhu li hemm bżonn isir fost xogħol ta' manutenzzjoni , ac u aktar biex il-post jiġi wieħed adekwat b'aċċessibilta' aħjar. Fil-ġranet li ġejjin ser ukoll tintbgħat gwida l-kunsill b'dettalji ta' kif ix-xogħol irid isir biex b'hekk fix-xhur li ġejjin ikunu jistgħu jinbdew jinġabru kwotazzjonijiet u jiġi skedat ix-xogħol neċessarju msemmi

hawn fuq il-mira tal-kunsill ser tibqa' illi dan is-sit isir 'community hub' għal benefiċċju tar-residenti tagħna.

## 9.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:

9.4. A. **Reverse Vending Machine :** Is-Sindku nforma l-kunsill illi bħal ma forsi diġa' wieħed qiegħed jara f'lokalitajiet oħra ser tkun qed tiġi installata l-magna tal-fliexken biex wieħed isejħila hekk b'termini sempliċi għan-nies fejn wieħed ħa jkun jista' jsarraf il-fliexken f'tokens u vouchers li jistgħu jissarfu minn ħwienet akkreditati. din l-installazjoni ser tkun qed tiġi mweħħla fil-viċinanzi tal-uffiċini tal-kunsill u ser tkun qed tieħu 2 parkeġġi pero' dawn ser ikunu qiegħedin jiġu rritornati l-pubbliku f'sit viċin biex b'hekk l-ebda parkeġġ ma jiġi mnaqqas miż-żona.

B. **Mixja Sportiva – Sports Malta** : Is-Sindku nforma l-kunsill dwar mixja sportiva li qed tiġi organizzata minn Sports Malta b'kollaborazzjoni mal-kunsill tal-Kottonera inkluż il-Kalkara nhar 24 ta' Settembru. Is-Sindku wkoll żied jgħid illi l-informazzjoni kollha qiegħeda wkoll diġa' 'uploaded' fuq il-midja soċjali uffiċjali tal-istess kunsill u dawk kollha interessati li jipparteċipaw huma mħeġġa jiġbru t-shirt b'xejn mill-kunsill. Il-mixja ser tkun qed tispiċċa fil-kumpless sportiv ġewwa Bormla b'ħafna attivitajiet organizzati mill-istess sports malta tajbin għal familja kollha. Is-Sindku qal illi l-għajnuna tal-kunsilliera huwa ferm apprezatt biex imqar naqgħdu grupp ta' nies sabieħ biex nieħdu sehem bħala lokal għal din l-avveniment aktar u aktar illi ż-żmien tal-loġistika kien veru wieħed qasir.

C. **Festival Baned :** Is-Sindku nforma l-kunsill illi nhar l-24 ta' Settembru ser ikun qed jiġi mtella' kunċert mill-fondazzjoni Kottonera ġewwa Pjazza Sagra Familja fis-7:30 ta' filgħaxija għal kull min hu nteressat li jattendi. Dan il-festival qed jiġi organizzat f'kull lokalita' tal-Kottonera kif skedat mill-fondazzjoni stess. Tajjeb li wieħed jgħid illi għal dan l-avveniment il-kunsill m'għandu l-ebda introjtu ta' finanzi biex seta' jittella'.

D. **World Clean up Day** : Is-Sindku nforma l-kunsill illi nhar l-14 ta' Settembru saret 'clean up' mal-kosta sal-'break water' fil- viċinanzni tal-Bajja ta' Rinella organizzata mir-Reġjun Port b'kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali Kalkara u l-NGO Żibel. Wieħed ukoll jista' jara xi filmati fuq il-midja soċjali uffiċjali kemm tar-Reġjun kif ukoll tal-NGO żibel. Is-Sindku żied jgħid illi għal min hu nterressat li jagħti daqqa ta' id, nhar is-Sibt 17 ta' Settembru ser tittella' 'clean up' oħra fiż-żona ta' Ricasoli min terzi parti li avviċinaw il-kunsill biex ikunu jistgħu jagħmlu dan.

E. **Xogħolijiet fl-uffiċju :** Is-Sindku reġa' ta rendikont ta dak li wieħed jista' jara fil-preżent ġewwa l-uffiċini amministrattivi tal-kunsill bħala xogħol ta' manutenzzjoni li issa ġie estiż għal kmamar oħra hekk kif ġie diġa' deċiż. Is-Sindku żied jgħid illi max-xogħol ta' manutenzzjoni li huwa għaddej instabu anomaliji li kellhom jiġu rranġati fosthom linja ta' 'fax machine' li ilha għal dawn l-aħħar snin ma tintuża u li l-kunsill kien għadu qed iħallas miżata fuqha. Bħal din kien hemm affarijiet oħra li wieħed ried jirranġa internament biex ma jkunx qed isir xogħol ta' manutenzzjoni biss u jitgħattew affarijiet tekniċi oħra li fil-verita' m'għadhomx ta' bżonn għal istess kunsill.

F. **E-Van :** Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin ser ikun qiegħed isejjaħ laqgħa nformali mall-kunsilliera rigward dan is suġġett biex b'hekk kulħadd ikollu l-opportunita' jaħseb fuq kif wieħed jista' jħaddem dan il-van għal komunita'. Is-Sindku wkoll qal illi diġa' kien hemm min avviċinah b'suġġerimenti validi kif wieħed jista' juża' dan il-van għal ġid tal-komunita'. Fil-ġranet li ġejjin is-Seg Eżek ser tkun qed tikkordina mal-kunsilliera data konvenjenti għal kulħadd.

.

**9.5 Korrespondenza :**

1. **Eco Plant – Proġett Pilota Shoreline**

Is-Sindku għarraf il-kunsill illi wara laqgħa formali li kellu mal-persuni responsabbli minn shoreline flimkien mas-Seg Eżek aktar kmieni dan ix-xahar fl-uffiċini ta' Smart City, bħala kunsill ġejna avviċinati biex titweħħel installazzjoni bħala proġett pilota biex tiġġenera dawl fiż-żona fejn ser tiġi mweħħla. Is-Sindku qal illi din ser tkun tagħmel parti mit-30k 'contingency money' li għanda 'on hold' mal-istess Shoreline fejn l-arranġament kien inbeda fil-leġislatura preċedenti u li sa issa ma kienx hemm opportunitajiet biex wieħed jara fejn jista' jinvesti dawn il-fondi mgħotijin lill-kunsill għal benefiċċju tar-residenti

Kalkarizi skond il-liġi u l-awtorita' tal-planning authority. Is-Sindku spjega din l-istallazzjoni imsejjaħ bħala ECO Plant il-funzjonijiet tiegħu fid-dettal hekk kif ġie spjegat lilu u lis-Seg Eżek matul il-laqgħa li kellhom.

2 **Konsultazzjoni - Strateġija Gvern Lokali**

Is-Sindku għarraf il-kunsill illi is-Seg Eżek ser tkun qed tibgħat email lill-kunsilliera kollha bi preparazzjoni għal laqgħa ta' konsultazzjoni li ser issir aktar tard f'Novembru 2022 biex min ikollu xi kummenti x'jibgħat jagħmel dan qabel id-data stipulata fl-istess email li ntbgħatet lill-kunsill mill-AKL kif ukoll wieħed ikun jista' jirreġistra online għal din l-istess laqgħa.

3 **30 Anniversarju Gvern Lokali**

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qed taħdem fuq proġett sabiex jiġi mfakkar it-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ġewwa Pajjiżna. Għalhekk l-istess assoċjazzjoni qed titlob kull kunsill tibgħatlu xi ħaġa sinonima mal-lokal rispettiv tiegħu. Waqt diskussjoni libera bejn il-kunsill waqt din is-seduta nħarġu ħafna ideat li wieħed jista' juża. Dawn l-ideat ser ikunu qed jintbgħatu l-assoċjazzjoni hekk kif qed jiġi mitlub minn kull kunsill.

**9.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera ;**

a) Is-Sur Vincent Bongailas attivita' 27 ta' Awwissu ( Sports )

Is-Sur Vince Bongailas irringrazzja formalment il-kull min kien involut waqt din l-attivita' l-għaliex kienet waħda ta' suċċess u li t-tfal ħadu veru pjaċir

**b)** Is-Sur Vincent Bongailas attivita' Tberik tal-Annimali Ottubru 2022

Is-Sur Bongailas informa l-kunsill illi nhar it-2 ta' Ottubru ser ikun qiegħed itella' attivita' f'isem il-kunsill b'kolaborazzjoni mal-paroċċa għat-tberik tal-annimali li ser tkun qed tittella' fuq iz-zuntier tal-istess paroċċa. Is-Sur Bongailas invita formalment il-kunsill jattendi għal din l-attivita'.

**c)** Is-Sinjura Speranza Chircop Ħarġa Kulturali

1. Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill dwar Ħarġa Kulturali li ser tkun qed torganizza matul ix-xahar ta' 28 ta' Settembru u Ottubru għal malta għal anzjani.

**<u>9.7 Punti Ġenerali</u>**

Ma kienx hemm

**<u>9.8 Mistoqsijiet lis-Sindku :</u>**

1. **Is-Sinjura Speranza Chircop xtaqet tistaqsi lis-Sindku jekk hux possibbli ġġib aktar informazzjoni fuq liema bażi l-bankina taż-żona tar-Regatta qiegħeda ssir daqshekk wiesa u jekk huwiex possibbli illi bħala kunsill jitkellem mal-periti biex jara hemmx xi rimedju għal dan kif ukoll it-toqob li saru biex jilqgħu l-ilma humiex idonji biex jitnaddfu mid-debris li jista' jkun isoddom.**

Is-Sindku wieġeb lis-Sinjura Chircop li ser ikun qed jiċċekja mal-periti tal-GHRC fuq il-kwistjoni tat-toqob.

Fuq il-kwistjoni ta' bankina wiesa s-Sindku qal illi jiddispjaċih jgħid illi dawn il pjanti ilhom ikkonfermati żmien twil qabel din il-leġislatura u bl-ebda mod wieħed ma jista' jibdel il-pjanta u li f'dan l-istadju wieħed ma jistax jiddeċiedi li hemm bżonn bidla fil-pjanti li qed jinbena l-proġett fuqhom. Is-Sindku kkonferma mal-periti sa dalgħodu stess qabel din is-seduta li bl-ebda mod m'hi ġejja waħda 'one lane' imma ser tkun qed tibqa' żona '2 way'.

**2 Is-Sur Christopher Bruno xtaq isaqsi lis-Sindku jekk għandu xi tip ta' risposta fuq :**

- Is-'safety bollards' li kellhom jitweħħlu fit-tela' ta' Esplora u
- Jekk hemmx xi żviluppi fuq Triq Rnella biex tiġi waħda pedonali hekk kif kien issuġerixxa hu stress.

Is-Sindku qal illi fuq is-'safety bollards' l-aħħar korrespondenza li kellu u mill-informazzjoni li għandu hemm xi anomaliji minħabba li qed isir il-proġett tax-Xatt minħabba dawk in-nies li jridu joħorġu minn Luigi Pisani. Din il-komunikazzjoni ġiet minn uffiċjal tekniku ta' Transport Malta u huwa għalhekk illi sa issa għadhom ma sarux.

Is-Sindku qal illi fuq il-kwistjoni għadu ma kien hemm l-ebda żviluppi fuqha u ser ikun qed jieħu ħsieb jibda l-proċess ta' ħsieb u diskussjoni fix-xhur li ġejjin.

**9.9 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm

**9.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tiffo minn dawn il-minuti (DOK A). 9.22

**9.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fis-1:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-18 ta' Ottubru 2022 fl-4:00 ta' wara nofsinhar

Konfermati, illum ______________________________

______________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv